MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 28/2003

**Louis u Rose konjugi Pisani personalment**
**u ghal St Anthony Garage Company Ltd**

**Vs**

**Carmel Enriquez**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi fil-kwalitajiet taghhom premessi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas ill-istanti s-somma ta’ Lm3800 (tlett elef u tmien mitt lira danni) li l-konvenut ikkaguna lill-istanti in segwitu ghal incident stradali li sehh f’Rahal Gdid fis-16 ta’ Gunju 2000 ghal liema incident il-konvenut ripetutament accetta responsabilta’ u obbliga ruhu li jhallas id-danni.

Bl-ispejjes u bl-imghax minn notifika ta’ dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti esebiti mal-istess avviz a fol 2 sa fol 8 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 15 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-incident de quo;
2. Illi in linea sussidjarja u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa esagerat u d-danni allegatament sofferti mill-atturi ghandhom jigu pprovati minnhom;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, bhala provi, l-atturi et pro et nomine ipproducew s-segwenti:-

a) <u>l-attur stess, Louis Pisani</u>, spjega li l-konvenut kien <u>impjegat</u> mas-socjeta msemmija fl-avviz bhala xufier "part time' u difatti dan kien qed jsuq "… karozza minn taghna bin-numru HVY001". Wara l-incident, l-konvenut, skond ix-xhud, kien ammetta mieghu li l-incident kien "… gara tort tieghu". Difatti l-Avukat tal-istess attur kien irrediga <u>skrittura</u> f'dan is-sens, liema kitba tinsab annessa a fol 3 tal-atti. Pero din ma gietx iffirmata minnu peress li "… il-konvenut qalli li kien ser jara minn fejn kien ser igib il-flus biex ihallas". Dwar l-ammont ta' danni involuti, kien sar "survey" minn <u>Joseph Muscat</u> (ara fol 22, fol 4 u fol 5 ibid) u l-karozza in kwistjoni kienet giet klassifikata bhala "total loss".
b) <u>PS 1439 John Tabone</u> (fol 28 et seq ibid) kien investiga dan il-kaz u esebixxa <u>kopja tar-rapport</u> u tal-<u>iskizz</u> (a fol 30 u fol 34 ibid) maghmulin mill-istess xhud. In rigward l-iskizz, fuqu hemm murija l-karozza misjuqa mill-konvenut kif ukoll "truck" numru CBA 575 li mieghu kienet habtet il-vettura misjuqa mill-konvenut. Jigi notat ukoll illi wara l-vettura numru HVY001, jinsabu markati "brake marks" twal 9.5 metri. Inoltre mill-istess rapport jirrisulta li s-

sewwieq tat-“truck” numru CBA 575 Saviour Mifsud, li ma giex prodott sabiex jixhed, kien stqarr illi waqt li kien qed jsuq fil-Vjal imsemmi fl-iskizz il-vettura tieghu sviluppat “a mechanical fault” u ghalhekk ipparkeggaha man-naha tax-xellug tat-triq xi meter il-barra mill-hajt. Meta hareg hu kien ra il-vettura misjuqa mill-konvenut waqt li kienet qed tissorpassa vettura ohra billi mar “from the right lane to the left lane” ossija minn dik esterna lejn dik interna sabiex jissorpassa l-vettura l-ohra fuq ix-xellug ta’ din. Bhala konsegwenza kienet saret il-habta u l-vettura ta’ Saviour Mifsud giet mdahhla fil-hajt laterali. Daparti tal-konvenut, dan effettivament ikkonferma l-istqarrija ta’ Saviour Mifsud billi qal illi ”he was proceeding …. On the right hand side lane (the one near the central strip). He changed the lane to the left hand side and all of a sudden he found a stationed vehicle and dashed into it”.

Ikkunsidrat

Illi meta xehed fit-tieni okkazjoni il-konvenut (ara fol 37 u fol 45 et seq ibid) hu biddel il-versjoni tal-fatti kif moghtija lill-imsemmi ufficjal tal-pulizija oltre li ta zewg versjonijiet tal-fatti, akkwantu differenti minn xulxin. Difatti hu xehed illi “il-van li kien quddiemi mar lejn il-lemin u jiena sibt it-trakk quddiemi wieqaf” waqt li imedjatament qabel kien xehed illi “Kif mort fuq il-‘lane’ l-iehor ghalhekk jiena sibt it-trakk quddiemi … wieqaf”.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti rrisulta illi l-konvenut kien qed jaghmel tentattiv sabiex jissorpassa l-vettura quddiemu billi biddel il-“lane” mar lejn ix-xellug u sab quddiemu l-vettura wieqfa, uzata minn Saviour Mifsud. Minn dan jidher illi hu, qabel ma esegwixxa din il-manuvra ma’ esplorax, sufficjentement, il-”lane” fuq ix-xellug tieghu li ma hiex intiza sabiex jsiru sorpassi sabiex jara u jaccerta ruhu illi din kienet libera minn vetturi ohrajn. Mill-esami tal-provi, difatti, din tidher li hi l-unika kawza ta’ dan l-incident u ghalhekk ir-responsabilta ta’ dan l-incident ghandha tigi akkollata “in toto” lill-konvenut peress li kien

traskurat u negligenti fl-esekuzzjoni tal-manuvra kif deskritta.

Illi, dan premess, ma jidhirx illi hemm il-htiega illi l-Qorti tara jekk, filfatt, kienx hemm xi forma ta’ ammissjoni ta’ tort da parti tal-istess konvenut, kif hemm allegat fl-avviz.

Ikkunsidrat

Illi ma ingiebet ebda prova sabiex tikkontradici l-‘quantum’ ta’ danni pretiz fl-avviz. Jigi notat u ripetut illi l-vettura tal-attur pro et nomine sfat “beyond economical repairs” (fol 5 ibid), li kellha valur qabel l-incident in esami ta’ Lm4800 waqt dak li fadal minnha kellu valur ta’ Lm600. Ghalhekk l-ammont pretiz fl-avviz jidher li hu gustikat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-istess konvenut.
2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm3800 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi pro et nomine s-somma ta’ Lm3800 bl-imghax legali mill-21 ta’ Jannar 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------